MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 455/2006/1

**Maltacom plc,**
**u b' digriet tal-Qorti tat-12 ta' Dicembru 2007 gew mizjuda il-kliem "illum GO plc"**

**vs**

**Ibrahim Salifu**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mija u tmienja u disghin lira Maltin u erba u ghoxrin centezmu (Lm1198.24c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz

telefoniku li jgib in-numru 21312863, skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut, li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi t-talba tas-socjeta’ attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici billi l-konvenut qatt ma applika ghas-servizz ta’ telefon in kwistjoni, qatt ma uza l-istess telefon u qatt ma okkupa l-fond 39 Antonio Bosio Street, Msida.

Sema’ x-xhieda ta’ Francis Portelli prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Ibrahim Salifu.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Ikkonsidra.

Illi in sostenn tat-talba taghha, s-socjeta’ attrici pproduciet bhala xhud lill Francis Portelli li jahdem fil-customer services unit ta’ l-istess socjeta’ attrici. Huwa xehed illi kien hu stess li ffirma l-applikazzjoni ghal servizz tat-telefon in kwistjoni, u dan ghan-nom tas-socjeta’ attrici.

Illi minn din l-applikazzjoni ghas-servizz tat-telefon li giet esebita mis-socjeta’ attrici (a fol. 3 tal-process), jidher car li l-applikant fuq dan l-istess dokument huwa certu Ibrahim Salifu bil-karta ta’ l-identita’ numru 19905A. Jidher ukoll fuq l-istess applikazzjoni illi t-talba hija sabiex jigi installat servizz tat-telefon fl-indirizz Ewreka Flats, Flat 3, 39 Antonio Bosio Street, Msida.

L-istess xhud xehed ukoll li kien cert li kien ha kopja ta’ l-‘identity card’ tal-persuna li kien qed japplika ghas-servizz tat-telefon, u meta gie muri kopja ta’ l-‘identity card’ in kwistjoni seduta stante, huwa kkonferma li dan kien l-‘identity card’ tal-konvenut Ibrahim Salifu, u allura tal-istess persuna li kien applika ghas-servizz tat-telefon.

Illi s-socjeta’ attrici esebiet kopja tal-karta ta’ l-identita’ tal-konvenut Ibrahim Salifu li jgib in-numru 19905A, u li fih hemm indikat l-indirizz 14, Il-Wardija, Limiti ta’ San Pawl il-Bahar.

Illi minn-naha tieghu, il-konvenut xehed illi huwa ilu jghix Malta ghal izjed minn ghaxar snin, u li huwa dejjem kien u ghadu jghix gewwa l-indirizz 14, Church Street, Wardija, u qatt ma kellu xi indirizz iehor gewwa Malta.

Illi meta sarlu referenza ghall-applikazzjoni ghas-servizz tat-telefon in kwistjoni, l-konvenut xehed illi huwa qatt ma mar jghix gewwa l-indirizz ‘Ewreka Flats, Flat 3, 39 Antonio Bosio Street, Msida, u li l-firma fuq l-istess applikazzjoni mhijiex tieghu. Huwa pero ikkonferma li l-kopja tal-karta tal-identita’ li giet esebita mis-socjeta’ attrici hija fil-fatt kopja tal-karta ta’ l-identita’ tieghu. L-istess konvenut zied jghid illi l-firma li tidher fuq l-applikazzjoni in kwistjoni u dik li tidher fuq il-karta ta’ l-identita’ tieghu huma ghal kollox differenti u li alavolja huwa ma jafx jikteb, huwa jaf jiffirma ismu.

Il-konvenut xehed ukoll illi qatt ma ghamel uzu minn-numru tat-telefon in kwistjoni u qatt ma ghamel dawk it-telefonati li hemm immnizzlin fil-kontijiet tas-socjeta’ attrici, u li meta jaghmel uzu minn telefon huwa ssoltu juza Easyline card jew xi card iehor, jew inkella juza l-linja tat-telefon tas-sid tieghu.

Meta sarulu d-domandi in kontroezami l-konvenut spjega illi huwa ma jaghtix il-karta ta’ l-identita’

tieghu lil terzi persuni, izda ta' spiss jaghti 'lifts' bil-karozza tieghu lil nies li jara fit-triq li jkunu ta' karnaggon skura, meta dawn ta' l-ahhar jitolbuh passagg. Huwa spjega li s-soltu jhalli l-karta ta' l-identita' tieghu tigri fuq id-'dashboard' tal-karozza tieghu ghaliex jekk iwaqqfuh il-Pulizija jew ikollu jmur l-isptar ikun irida lesta, u ghalhekk ma setax jghid jekk f'xi hin din ittiehdet minn postha mill-persuni li rikeb fil-karozza tieghu. Huwa xehed pero li fl-ebda mument ma ccekkja jekk din il-karta ta' l-identita' kenitx misruqa.

Fil-fatt l-ewwel darba li ssusspetta li din giet misruqa kienet meta rcieva l-karti mill-Qorti dwar din il-kawza, izda meta mar jiccekkja fil-karozza tieghu, sab il-karta tal-identita' tieghu f'postha fejn halliha.

Il-konvenut kompla jixhed li huwa jissusspetta li wiehed mill-persuni li rikeb fil-karozza tieghu kien ha l-karta ta' l-identita' tieghu u rega qieghda f'postha wara. Skond hu dana seta gara peress li ta passagg lill-istess nies izjed minn darba wahda, alavolja ma jafx min huma izda jaf biss li huma l-istess nies. Dawn in-nies imbaghad ma kienx rega rahom u lanqas ma seta jghid meta kien rikibhom mieghu.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, t-Tibunal jikkunsidra li l-versjoni tal-konvenut m'hijiex wahda li treggi ghas-segwenti ragunijiet. Fl-ewwel lok, huwa ma rnexxilux jaghti spjegazzjoni cara u kredibbli dwar kif seta' jwassal biex l-applikazzjoni ghas-servizz tat-telefon ma saritx minnu. Bhala fatt huwa car li sabiex saret l-applikazzjoni in kwistjoni giet uzata l-karta ta' l-identita' tal-konvenut, u dan il-fatt lanqas gie ikkontestat minnu. Bhala difiza tieghu l-konvenut donnu qed jallega li xi hadd uza l-karta ta' l-identita' tieghu biex mar japplika ghas-servizz minghajr ma kien jaf, izda in sostenn ta' dan ma seta jispjega xejn ghajr li kien jaghti xi 'lifts' lill-terzi persuni bil-

karnaggon skura, u li setghu kienu dawn in-nies li hadulu u ghamlu uzu mill-karta ta' l-identita' tieghu.

Bhala fatt johrog car illi l-konvenut qatt ma sab li l-karta ta' l-identita' tieghu kienet misruqa jew intilfett. Anzi meta mar ifittixha ghax issusspetta li kienet misruqa huwa sabha f'postha fejn halliha. Ma hemmx l-icken prova li ghal xi perjodu huwa ma kienx fil-pussess tal-karta ta' l-identita' tieghu. Din dejjem kien ihalliha fuq 'id-dashboard' tal-karozza tieghu fejn tidher u meta mar ifittixha hemm sabha. Il-probabbilta' hija li jekk din kienet nieqsa, il-konvenut kellu jinduna li ma kenitx f'postha, ghaliex wara kollox din ma kenitx mohbija f'xi post fejn proprju wiehed irid imur ifittex biex isibha, izda anzi kienet dejjem f'post illi mad-daqqa t'ghajn jew tarah jew tinduna li mhix hemm.

Illi di piu, l-konvenut lanqas ma kien f'pozizzjoni li jindika min huma l-persuni li rikeb fil-karozza tieghu jew ghall-inqas d-dati jew perjodu li kien rikkibhom mieghu sabiex almenu wiehed jara jekk dan kienx jikkowincidi mal-perjodu meta saret l-applikazzjoni. Il-konvenut allega biss li setghu kienu dawn in-nies li rikkeb fil-karozza tieghu li hadulu l-karta ta' l-identita' u mbaghad b'xi mod regghu irritornawha meta rega rikkibhom mieghu f'okkazzjoni sussegwenti. Din it-tezi tieghu pero bl-ebda mod ma giet sostanzjata jew ippruvata.

Illi l-konvenut suppost jaf ben tajjeb li l-karta ta' l-identita' hija dokument importanti hafna u jista' jsir abbuz serju minnha jekk tispicca fl-idejn, u zgur li m'ghandhiex tithalla tigri 'l hemm u 'l hawn gewwa karozza. Ghalhekk l-argument li huwa jhalli tali dokument jigri fuq id-'dashboard' ghax jistghu iwaqqfuh il-Pulizija jew forsi jkollu jmur l-isptar ma jreggi xejn, specjalment meta jaf li qed irikkeb nies mieghu li lanqas biss jaf min huma u ma jistghax jiddentifikhom.

Minn-naha l-ohra t-Tribunal irid iqis illi x-xhieda ta' Francis Portelli li ffirma l-applikazzjoni in kwistjoni u anki ha kopja tal-karta ta' l-identita' tal-persuna li proprju kien qieghed japplika ghas-servizz, hija wahda fattwali u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji ghandha tigi accettata.

Il-fatt illi l-konvenut qatt ma uza l-istess servizz tat-telefon jew li qatt ma okkupa l-fond Ewreka Flats, Flat 3, 39 Antonio Bosio Street, Msida, ma jfissirx illi l-applikazzjoni ma saritx minnu.  L-applikant jibqa dejjem hu l-persuna responsabbli ghall-kontijiet tat-telefon in kwistjoni bhala l-persuna li applika ghall-istess servizz.

Lanqas ma jista jinghad illi kopja tal-karta ta' l-identita' setghet giet prodotta minn kwalsiasi persuna, ghaliex ix-xhud Portelli xehed illi l-kopja saret minnu meta gie l-applikant sabiex jimla l-applikazzjoni.

Illi mbaghad rigward il-punt li tqajjem dwar id-differenza fil-firma fuq il-karta ta' l-identita' tal-konvenut u dik fuq l-applikazzjoni, it-Tribunal mhuwiex f'pozizzjoni li jiddeciedi jekk din il-firma hijiex l-istess wahda jew almenu jekk hi maghmula mill-istess persuna, u fin-nuqqas ta' provi xjentifici dwar dan, mhuwiex f'pozizzjoni li jiehu dan l-argument in konsiderazzjoni.  Ghandu jinghad ukoll illi ma saret l-ebda talba sabiex jinhatar espert sabiex jigi verifikat jekk il-firma hijiex wahda falza jew le.

Illi ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u tmienja u disghin lira Maltin u erba u ghoxrin centezmu (Lm1198.24c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut. ”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab li din tigi revokata bl-invit lil din il-Qorti biex tirriezamina l-provi u l-aktar il-punt jekk, tabilhaqq, is-socjeta` attrici rnexxilhiex tipprova l-pretensjoni kreditorja taghha fil-konfront tieghu;

Il-fatt fis-semplicita` taghhom huma dawn li jsegwu:-

(1) Is-socjeta` attrici tippretendi li l-konvenut hu debitur taghha ghas-somma indikata fl-Avviz in konnessjoni ma' servizz telefoniku installat gewwa fond fl-Imsida. Hi tibbaza din il-pretensjoni taghha esklussivament fuq il-portata tad-dokument ta' ftehim a fol. 3 tal-process;

(2) Francis Portelli, ix-xhud prodott mis-socjeta` attrici, jghid li kien hu li mela l-applikazzjoni ghal dan is-servizz u li, ghalkemm ma kienx jiftakar il-kaz partikulari, s-*subscriber* li ffirma kien ipprovda kopja ta' l-Identity Card tieghu, esebita, a fol. 32;

(3) Fid-deposizzjoni tieghu (fol. 34) l-konvenut jichad li huwa applika ghal dak is-servizz telefoniku, qatt ma rrisjeda fil-fond ta' l-Imsida fejn dak is-servizz kien installat u, fuq kollox, li l-firma fuq il-kuntratt ta' ftehim a fol. 3 ma kienetx tikkorrispondi ghal dik tieghu, ankorke l-kopja ta' l-Identity Card esebita kienet fidila ghall-originali;

It-Tribunal skarta l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-Identity Card setghet ittiehditlu minn terzi li hu kien jghabbi fil-karozza tieghu, ghamel affidament fuq ix-xhieda ta' Francis Portelli, u wara li rrileva li ma kienx f' qaghda li jiddeciedi jekk il-firma fuq l-applikazzjoni tikkumbacjax ma' dik fuq l-Identity Card, ghadda biex akkolja d-domanda tas-socjeta` attrici;

Huwa distingwibbli kemm mill-korp tas-sentenza, u l-aktar dak tar-rikors ta' l-appell, illi l-qofol tal-kwestjoni tirrigwarda l-firma ta' l-utent fuq il-kuntratt ta' ftehim.

Jghallem il-**Laurent** (“**Principii di Diritto Civile**”, Vol. XIX pagna 196) illi “*l’ atto è uno scritto redatto per constatare un fatto giuridico; ora è la sottoscrizione che certifica cio` che le parti constatano …*” Hemm raguni ghal dan. Indubbjament, is-sottoskrizzjoni fuq dokument hi element essenzjali tieghu in kwantu tistabilixxi l-volonta tal-firmatarju li hu qed japprova l-kontenut. Di fatti, din l-istess sottoskrizzjoni tassolvi funzjoni duplici. Il-wahda, indikattiva ghal fini li jkun individwat l-awtur tad-dokument. L-ohra, dikjarattiva, billi min iqieghed il-firma jassumi l-paternita` tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess dokument;

Premess dan, ma jidherx li jista’ jkun ukoll in dubbju illi l-effikacja probatorja tad-dokument ta’ ftehim tippresupponi, bhala kondizzjoni necessarja tieghu, ic-certezza ta’ l-awtenticita` tal-firma fuqu. Jigifieri, li l-firma jkun ghamilha dak li jidher li hu l-awtur taghha. Certezza bhal din jaghmila r-rikonoxximent espress minn dak li ffirma, jew bil-mod ta’ rikonoxximent preskritt mil-ligi. Ta’ min jissottolineja illi taht din l-ahhar ipotesi huma komprizi diversi fattispeci, dwar liema japplikaw il-mekkanizmi prevvisti mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Hekk insibu a norma ta’ l-Artikolu 634 (1) tal-Kapitolu 12, illi “l-persuna li kontra taghha tingieb karta li milli jidher tkun iffirmata minnha nfisha, hija obbligata li tiddikjara b’ mod pozittiv jekk il-kitba jew il-firma hix taghha jew le, u fin-nuqqas ta’ din id-dikjarazzjoni, din il-kitba jew firma tkun maghduda, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, li hija l-kitba jew il-firma taghha”. Hemm, imbaghad, is-sitwazzjoni fejn il-firma tista’ tkun awtentikata bhala dik ta’ min ghamilha bl-attestazzjoni ta’ avukat, nutar, prokuratur legali, u f’ certi kazi, anke minn kappillan, meta l-firma tkun saret quddiemhom. Ara subincizi (2) u (3) ta’ l-istess Artikolu 634. Fil-kaz taht konsiderazzjoni din is-sitwazzjoni ma tqumx. Tinsorgi, invece, sitwazzjoni fejn il-konvenut appellant jiddiskonoxxi fil-gudizzju quddiem it-Tribunal il-firma fuq il-kuntratt ta’ ftehim a fol. 3. Hawn allura ghandna qaghda fejn minn naha tezisti l-

presunzjoni tal-veracita` li jaghmel il-kuntratt ta’ ftehim b’ dik il-firma, u minn naha l-ohra, il-prova kuntrarja kostitwita bid-diskonoxximent fit-termini ta’ l-Artikolu 634 (1) tal-Kapitolu 12. Sitwazzjoni din li mir-ricerka kondotta mill-Qorti jirrizulta li insorgiet ukoll fil-kawza “**Colonello Robert Gordon John Johnstone Berry, Assistant Director of Supplies and Transport -vs- Salvatore Micallef *et***”, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Ottubru 1916 (**Kollez. Vol. XXIII P II p 122**). Fiha wkoll qamet il-kwestjoni sollevata mill-konvenut illi d-dokument esebit ma setax jissorreggi t-talba ta’ l-attur in kwantu huma ma kienux il-veri firmatarji tieghu u li anzi l-firem fuqu gew “*abusivamente apposte da mano aliena*”. F’ dan il-kaz dik il-Qorti ghaddiet biex tillibera whud mill-konvenuti mill-osservanza tat-talbiet dedotti fil-konfront taghhom;

Tqum hawn il-mistoqsija dwar x’ perkors kellhom isegwu l-provi fil-presenza ta’ dikjarazzjoni ta’ diskonoxximent tal-firma da parti tal-konvenut. Ghal dan iwiegeb l-Artikolu 635 tal-Kapitolu 12 li jippreskrivi d-diversi modi ghalbiex tigi verifikata l-kitba ta’ min ikun kiteb jew iffirma dokument. Huwa bosta evidenti fil-kaz prezenti illi ebda prova sodisfacenti ma saret b’ xi wiehed mill-modi kontemplati fl-imsemmi dispost tal-ligi. Prova din li kellha ssir mis-socjeta` attrici appellata biex, proprju, tinnewtralizza c-cahda tal-konvenut fl-ambitu ta’ l-Artikolu 634. Ara f’ sens konformi l-kummenti tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, fil-kawza fl-ismijiet “**Francis Vella -vs- Carmel Caruana**” tal-5 ta’ Gunju, 1959. Is-socjeta` attrici la pproduciet xhieda li raw lil konvenut jiffirma u lanqas xhieda li jaghrfu l-firma jew kitba tieghu. Taht dan il-profil ix-xhieda ta’ Francis Portelli ma hi ta’ ebda ghajnuna ghaliha ghax dan ikkonfessa li ma kienx jiftakar il-kaz partikolari, u allura, wisq anqas li kien il-konvenut li ffirma quddiemu. Huwa veru li tezisti l-presunzjoni ta’ fatt kostitwita bl-esibizzjoni ta’ kopja ta’ l-Identity Card izda, gjaladarba, tezisti l-prova kuntrarja mill-appellanti b’ dik ic-cahda tieghu, it-Tribunal, imbaghad, fil-fehma umli ta’ din il-Qorti ma kellux jikkuntenta ruhu illi, ghax kienet tonqos il-prova xjentifika tal-firma, hu ma setax ikun f’ qaghda li

jiddeciedi jekk il-firma fuq id-dokument ta’ ftehim jew ta’ l-Identity Card hijiex l-istess wahda jew maghmula mill-istess persuna;

Ibda biex, kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici li titlob in-nomina ta’ espert peritali ghal dik il-verifika. Barra minn hekk, kif ukoll jinsab ritenut, “skond l-Artikolu 635 fuq citat il-Qorti mhix obbligata tirrikorri ghall-perizja kalligrafika, u tista’, jekk jidhrilha, taghmel hija l-verifika ta’ l-iskrittura, kif gie li sar (V. Archibold, “Criminal Pleading Evidence and Practise”, pagna 428)”. Ara sentenza fl-ismijiet “**Lawrence Cachia Zammit *et* -vs- Carmelo Chetcuti A.&.C.E.**”, Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta’ Novembru 1957. Dan ir-riljev qed jgi sottolinejat ghaliex, anke ghal min mhux espert tax-xjenza tal-kalligrafija, huwa apparentement car illi l-firma fuq id-dokument a fol. 3 attribwita lill-konvenut mhix l-istess bhal dik apportata fuq l-Identity Card intestata lill-istess konvenut. Ankorke dan ma kienx hekk il-kaz, ikollu jinghad illi l-atti l-ohra tal-provi attendibbli ma jipprovdu ebda cirkustanzi jew presunzjonijiet ohra sodi biex jeskludu n-negazzjoni ta’ l-appellanti illi l-firma fuq il-kuntratt ta’ ftehim ma kienetx tieghu. F’ qaghda bhal din il-Qorti ma thossx li tista’, b’ sikurezza, tigbed l-istess konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal u ser tghaddi biex titbieghed minnha.

Ghall-motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-konvenut appellanti mit-talba dedotta bl-att ta’ l-Avviz. L-ispejjez, tant dawk tat-Tribunal, kemm ta’ dan l-appell jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------